MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 109/2001/1

**GOLDEN HARVEST MANUFACTURING COMPANY LIMITED**

**vs**

**MICRO TRAVEL AND TOURISM LIMITED, Michael Żammit Marmara', u Joseph Lucchese**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-24 ta' Jannar, 2001, li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet:

Illi s-soċjeta' konvenuta Micro Travel and Tourism Limited topera bħala *incoming handling agent* għal turisti f'Malta, fuq ordni u inkarigu ta' diversi soċjetajiet esteri;

Illi l-konvenuti Michael Zammit Marmara u Joseph Lucchese huma l-azzjonisti u d-Diretturi inkargati direttament mill-amministrazzjoni tas-soċjeta' konvenuta Micro Travel and Tourism Limited;

Illi matul ix-xhur ta’ Ġunju sa’ Settembru 1999, is-soċjeta’ attriċi pprovdiet servizz ta’ akkomodazzjoni u servizzi oħra anċillari ġewwa l-Promenade Hotel, Sliema lil diversi turisti fuq inkarigu tas-soċjeta’ konvenuta Micro Travel and Tourism Limited, b’dan illi s-soċjeta’ konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta’ attriċi fl-ammont ta’ ħamest elef u sitt mitt lira malitn (Lm5600.00);

Illi s-soċjeta’ konvenuta Micro Travel and Tourism Limited rċeviet mingħand il-kuntatti esteri tagħha, il-ħlasijiet dovuti in konnessjoni mas-servizz provdut mis-soċjeta’ attriċi, kif jista’ jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża;

Illi ciononostante, l-istess soċjeta’ konvenuta baqgħet tonqos milli tħallas lis-soċjeta’ attriċi l-ammonti dovuti, minkejja illi ġiet interpellata sabiex tagħmel dan;

Illi jidher għalhekk illi l-konvenuti Michael Zammit Marmara u Joseph Lucchese, fil-kwalita’ tagħhom ta’ Diretturi u azzjonisti tas-soċjeta’ konvenuta Micro Travel and Tourism Limited, għamlu jew qegħdin jagħmlu approprjazzjoni indebita u/jew assenjazzjoni għal skopijiet ulterjuri mill-fondi mgħoddija lilhom minn sorsi esteri in linea ta’ kunsiderazzjoni għas-servizzi provduti mis-soċjeta’ attriċi;

Illi jidher għalhekk illi l-konvenuti Michael Zammit Marmara u Joseph Lucchese rrendew ruħhom ħatja ta’ aġir abbziv, illegali u ta’ negligenza anke grossolana jekk mhux ukoll frawdolenti fil-konfront ta’ l-atturi pro et noe, u għalhekk għandhom jiġu miżmuma personalment responsabbli għall-ammonti kollha dovuti lis-soċjeta’ attriċi, kif fuq premess;

Għalhekk is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex:

1. Tiddikjara lis-soċjeta’ konvenuta Micro Travel and Tourism Limited responsabbli għall-ħlas lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ ħamest elef u sitt mitt lira maltin (Lm5600.00), dovuta kif fuq premess;

2. Tiddikjara illi l-konvenuti Michael Zammit Marmara u Joseph Lucchese ikkommettew aġir abbuziv, illegali u ta' negligenza anke grossolana jew frawdolenti fil-konfront ta' l-attur billi approprjaw ruħhom indebitament u/jew assenjaw għal skopijiet ulterjuri l-fondi relattivi għas-servizz provdut mill-istess soċjeta' attriċi, kif fuq premess;

3. Tiddikjara għalhekk illi l-konvenuti Michael Zammit Marmara u Joseph Lucchese għandhom jinżammu personalment responsabbli għall-ħlas tas-somma ta' ħamest elef u sitt mitt lira maltin (Lm5600.00), dovuta lis-soċjeta' attriċi kif fuq premess;

4. Tikkundanna lill-konvenuti kollha in solidum bejniethom sabiex iħallsu lill-atturi pro et noe s-somma ta' ħamest elef u sitt mitt lira maltin (Lm5600.00);

Bl-ispejjeż u interessi legali mid-data li fiha ġie rez is-servizz relattiv sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenuti li jibqgħu minn issa nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi;

Rat in-Nota mressqa fis-6 ta' Marzu, 2001, li biha l-imħarrek Michael Żammit Marmara' eċċepixxa:

1. Preliminarjament illi s-soċjeta' konvenuta Micro Travel and Tourism Ltd, fil-mument meta ġiet intavolata ċ-ċitazzjoni odjerna, la kienet qed tiġi stralċjata b'ordni tal-Qorti u lanqas ma kienet qed tiġi stralċjata volontarjament u għaldaqstant din il-kawża fil-konfront tal-konvenut eċċipjenti hija rrita u nulla u qatt ma setgħet tiġi proposta u dan ai termini tal-Artikolu 315 et seq tal-Att tal-1995 Dwar il-Kumpanniji;

2. Preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, illi kull talba ai termini tal-Att tal-1995 Dwar il-Kumpanniji li a bażi tagħha qed jiġu proposti dawn il-proċeduri, fil-konfront tal-eċċipjenti għandha, ad validitatem, issir permezz ta' rikors u mhux permess ta'

ċitazzjoni u għaldaqstant, anke hawn, il-proċedura li ntużat fil-każ odjern hija irrita u nulla;

3. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewg eċċezzjonijiet u fil-meritu, illi d-domandi attriċi fil-konfront tal-konvenut eċċipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi stante illi l-eċċipjenti bl-ebda mod ma qatt ikkommetta xi aġir abbusiv, illegali u/jew b'negligenza anke grossolana jew frawdolenti fil-konfront tas-soċjeta' attriċi u għaldaqstant ma jistax jinżamm personalment responsabbli għal ħlas tas-somma talvolta dovuta, jekk ikun il-każ, mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' attriċi, kif hemm mitlub fiċ-ċitazzjoni;

4. Salv kull eċċezzjoni ulterjuri u b'riserva għal kull azzjoni spettanti lill-eċċipjenti kontra s-soċjeta' attriċi inkluza azzjoni għad-danni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek Żammit Marmara';

Rat in-Nota mressqa fil-21 ta' Mejju, 2001, li biha l-imħarrek Joseph Lucchese eċċepixxa:

Preliminarjament illi s-soċjeta' konvenuta Micro Travel and Tourism Limited, fil-mument meta ġiet intavolata ċ-ċitazzjoni odjerna, la kienet qed tiġi stralċjata b'ordni tal-Qorti u lanqas ma kienet qed tiġi stralċjata volontarjament u għaldaqstant din il-kawża fil-konfront tal-konvenut eċċipjenti hija rrita u nulla u qatt ma setgħet tiġi proposta u dan ai termini tal-Artikolu 315 et seq tal-Att tal-1995 Dwar il-Kumpanniji;

Preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, illi kull talba ai termini tal-Att tal-1995 Dwar il-Kumpanniji li a bażi tagħha qed jiġu proposti dawn il-proċeduri, fil-konfront tal-eċċipjenti għandha, ad validitatem, issir permzz ta' rikors u mhux permezz ta' ċitazzjoni u għaldaqstant, anke hawn, il-proċedura li ntużat fil-każ odjern hija irrita u nulla;

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewg eċċezzjonijiet u fil-meritu, illi d-domandi attriċi fil-konfront tal-konvenut eċċipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur stante illi l-eċċipjenti bl-ebda mod ma qatt ikkommetta xi aġir abbusiv, illegali u/jew b'negligenza anke grossolana jew frawdolenti fil-konfront tal-atturi u għaldaqstant ma jistax jinżamm personalment responsabbli għal ħlas tas-somma talvolta dovuta, jekk ikun il-każ, mis-soċjeta' konvenuta lill-attur, kif hemm mitlub fiċ-ċitazzjoni;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri u b'riserva għal kull azzjoni spettanti lill-eċċipjenti kontra l-attur inkluża azzjoni għad-danni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek Lucchese;

Rat li l-kumpannija mħarrka, għalkemm notifikata kif imiss[1], naqset li tressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi, u b'hekk baqgħet kontumaċi;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek Michael Żammit Marmara' fis-6 ta' Ġunju, 2001, b'dokument mehmuż magħha[2];

Rat ir-Rikors imressaq mill-kumpannija attriċi fis-7 ta' Jannar, 2002, li bih talbet lill-Qorti biex ma tgħaddix għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari qabel ma tkun ingħatat opportunita' biex tressaq Nota bis-Sottomissjonijiet tagħha dwar il-każ, liema talba l-Qorti laqgħet b'Degriet tat-8 ta' Jannar, 2002;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fid-19 ta' Frar, 2002[3];

Rat id-Degrieti tagħha tal-21 ta' Frar, 2002[4], u tat-30 t'April, 2002[5], li bihom tat lill-imħarrkin żmien biex iressqu

---

[1] Fis-27 t' April, 2001, f'pa[. 14 *tergo* tal-pro`ess
[2] Pa[[. 21-2 tal-pro`ess
[3] Pa[[. 29 sa 37 tal-pro`ess
[4] Pa[[. 40-1 tal-pro`ess

Nota ta' Tweġiba għal dik bis-Sottomissjonijiet tal-kumpannija attriċi;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-3 ta' Lulju, 2002, li matulu l-Avukat difensur tal-imħarrek Żammit Marmara' iddikjara li ma kienx fi ħsiebu jressaq Nota ta' Tweġiba, imma li kien sejjer jagħmel trattazzjoni bil-fomm, kif għamel fil-fatt;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-eċċezzjonijijiet preliminari tal-leġittimita' tal-imħarrkin u tas-siwi tal-att taċ-ċitazzjoni;

Rat id-Degriet tagħha tat-3 ta' Lulju, 2002, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' servizzi mogħtija lill-kumpannija mħarrka, u għall-kundanna tal-imħarrkin Żammit Marmara' u Lucchese, bħala diretturi tal-imsemmija kumpannija, li jħallsu huma personalment f'isimha il-flus dovuti lill-kumpannija attriċi. L-attriċi qegħda tixli lid-diretturi b'approprjazzjoni indebita;

Illi l-imħarrkin Żammit Marmara' u Lucchese laqgħu għall-azzjoni mressqa kontrihom billi ressqu kemm eċċezzjonijiet preliminari u kif ukoll eċċezzjonijiet fil-mertu. Dwar tal-ewwel, qegħdin jgħidu li huma ma messhomx ġew imħarrkin għaliex, fil-waqt li nbdiet il-kawża, il-kumpannija mħarrka ma kinitx qegħda tiġi stralċjata, u għalhekk l-azzjoni magħmula wkoll kontrihom ma tiswiex. Qegħdin jgħidu wkoll li l-għamla tal-att li bih inbdiet il-kawża ma jgħoddx, għaliex il-liġi trid li, f'azzjoni bħal dik, l-atti jitressqu b'Rikors u mhux b'Ċitazzjoni;

---

[5] Pa[[. 42-3 tal-pro`ess

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet proċedurali;

Illi l-azzjoni li qegħda titressaq f'dawn l-atti hija dik ta' kundanna ta' ħlas ta' kumpannija dwar servizz mogħti lilha. Miżjuda ma' din it-talba ewlenija, hemm l-oħrajn li jitkellmu dwar il-kundanna tal-imħarrkin għall-ħlas ta' dak dovut mill-kumpannija li tagħha huma kienu diretturi. L-imħarrkin qegħdin jgħidu li din hija azzjoni taħt l-artikolu 315 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta li jitkellem dwar responsabbilta' għall-kummerċ bi frodi, li japplika għal negozju li tkun wettqet kumpannija waqt l-istralċ tagħha (jew, kif jingħad fil-verżjoni ingliża tal-imsemmi artikolu[6], "*in the course of the winding up*"). Min-naħa tagħha, il-kumpannija attriċi tisħaq li l-azzjoni tagħha m'hijiex mibnija fuq l-imsemmi artikolu tal-Att dwar il-Kumpanniji;

Illi, mill-provi mressqin u li dwarhom ma jidhirx li hemm kontestazzjoni, jirriżulta li meta nbdiet din il-kawża l-kumpannija mħarrka ma kinitx tinsab fi proċess ta' stralċ tal-ebda għamla kif maħsub fil-liġi. Jirriżulta, iżda, li fis-6 ta' Marzu, 2001[7], - jiġifieri dak inhar stess li l-imħarrek Żammit Marmara' ressaq in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu f'din il-kawża - l-imħarrkin Joseph Lucchese u Michael Żammit Marmara' ressqu Rikors quddiem din il-Qorti (notifikat lir-Reġistru tal-Kumpanniji fl-20 ta' l-istess xahar) li bih talbuha tordna l-istralċ tal-imsemmija kumpannija. Ir-raġunijiet li fuqhom jissejjes l-imsemmi Rikors huma (a) n-nuqqas tal-kumpannija li tħallas djunha[8] u (b) (l-eżistenza ta') raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ[9] b'ordni tal-Qorti;

Illi, fis-sottomissjonijiet tagħha, l-kumpannija attriċi tgħid li l-fatt li l-azzjoni tagħha ma tressqitx taħt l-artikolu 315 tal-Kap 386 ma jfissirx li hija ma kellhiex xorta waħda jedd ta' azzjoni mod ieħor kontra l-imħarrkin kollha taħt il-liġi ordinarja. Hija tgħid li l-jedd tagħha jitnissel mhux biss fuq bażi ta' ksur ta' kuntratt (min-naħa tal-kumpannija

[6] Li g]andu jipprevali, f'ka\ ta' nuqqas ta' qbil mal-ver\joni Maltija, kif irid l-artikolu 2(5) tal-Kap 386
[7] Dok "KG1" f'pa[. 22 tal-pro`ess
[8] Art. 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386
[9] Art. 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386

mħarrka) imma wkoll bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet dwar egħmejjel magħduda bħala delitti jew kważi-delitti (fil-każ tal-imħarrkin l-oħrajn) li minħabba fihom il-ħlas dovuti lilha baqa' ma sarx. Hawnhekk għaddiet biex tagħmel eżami skematiku tal-aspetti ta' dritt li fuqu hija tgħid li tinbena l-azzjoni tagħha;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin Żammit Marmara' u Lucchese jinsistu li l-azzjoni attriċi kienet tabilfors maħsuba skond l-artikolu 315 tal-Kap 386, u li dik il-liġi speċjali tipprevali fuq il-liġi ġenerali u neħħiet kull rimedju "ordinarju" li seta' kien hemm qabel daħal fis-seħħ l-Att XXV tal-1995 u bidlitu mar-rimedji "speċjali" maħsuba f'dak l-Att. Għalhekk, ikomplu jgħidu, ladarba dan huwa l-qafas proprju tal-azzjoni attriċi, u ladarba l-artikolu 315 jitlob li azzjoni tinbeda bil-mezz tar-rikors, l-azzjoni attriċi ma tiswiex u huma ma messhom qatt ġew imħarrkin;

Illi, minbarra l-konsiderazzjonijiet interessanti li joħorġu miċ-ċirkostanzi marbutin ma' dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma li l-ebda waħda miż-żewġ eċċezzjonijiet imqanqlin mill-imħarrkin Żammit Marmara' u Lucchese m'għandhom mis-sewwa. Dan jingħad apparti l-fatt li ż-żewġ eċċezzjonijiet jistgħu jkunu konfliġġenti (jekk mhux ukoll kontradittorji) għal xulxin: u dan għaliex filwaqt li taħt l-ewwel eċċezzjoni, l-imħarrkin jgħidu li ma kellhom qatt ikunu fil-kawża, biex it-tieni eċċezzjoni tagħhom tagħmel sens, l-istess imħarrkin iridu jkunu fil-kawża bil-fors (billi l-azzjoni taħt l-artikolu 315 ma tistax titmexxa kontra l-kumpannija li tkun qegħda tiġi stralċjata). Il-Qorti ssib li s-soluzzjoni waħdanija għal dan id-dilemma maħluq bl-imsemmija eċċezzjonijiet hi li wieħed jaqra sewwa l-imsemmi artikolu 315 tal-Att dwar il-Kumpanniji;

Illi jekk isir hekk, wieħed għandu minnufih isib li azzjoni bħal dik imsemmija tiddependi miċ-ċirkostanza essenzjali (u kostitutiva) li l-kumpannija tkun <u>dak iż-żmien</u> għaddejja minn proċess ta' stralċ. Dan ma kienx il-każ meta nbdiet il-kawża preżenti u għalhekk l-azzjoni attriċi ma setgħet qatt tkun waħda mibnija fuq l-artikolu 315 tal-Kap 386, billi sa dak inhar il-kumpannija Micro Travel and Tourism Limited ma kinitx tinsab fi proċess ta' stralċ. Dan il-fatt

iġib miegħu l-effett li l-bażi tal-azzjoni attriċi, li torbot flimkien lill-kumpannija mħarrka u lid-diretturi tagħha biex iwieġbu għall-pretensjonijiet tagħha, hija azzjoni ċivili "normali" u mhux waħda speċjali maħsuba fl-Att XXV tal-1995. Mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-allegazzjonijiet tal-kumpannija attriċi - billi dan huwa kompitu li f'din il-fażi bikrija tal-kawża għadu ma wasalx waqtu - il-Qorti ssib li l-azzjoni attriċi tista' toqgħod kif mibdija, mhux biss kontra l-kumpannija, imma wkoll kontra d-diretturi tagħha;

Illi, f'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għall-awturi li, fil-kuntest ta' responsabbilta' personali ta' uffiċjali ta' kumpannija, jgħallmu li "*Whether the Courts should go behind the legal personality of the company and hold an individual director liable is a question of policy assuming that factors such as proximity and forseeability are established. Into the policy analysis will enter factors such as control, identification and assumption of responsibility. . . . Assumption of responsibility, like intentional wrong doing, will lead to personal liability*"[10];

Illi, ladarba jinsab issa mfisser li l-azzjoni attriċi m'hijiex dik li l-imħarrkin qegħdin jgħidu li hi, waħdu joħroġ li lanqas it-tieni eċċezzjoni ma hija mistħoqqa. Il-proċedura msemmija fl-artikolu 315 tapplika għal dawk iċ-ċirkostanzi biss, u ma tistax tintuża l-analoġija biex iġġebbed l-argument għal azzjonijiet oħrajn. Biżżejjed jingħad li l-liġi nnifisha tistabilixxi li l-proċediment ordinarju huwa bil-meżż taċ-ċitazzjoni[11] u dan ipoġġi 'l-azzjoni attriċi preżenti fl-ambitu tar-regolarita' u l-ħarsien ta' dak mitlub u mistenni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin Żammit Marmara' u Lucchese, bl-ispejjeż kontrihom, billi m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fil-liġi; u

---

[10] Farrar & Hannigan, *Farrar's Company Law* (4th Edit., 1998), pa[. 152
[11] Art. 161(1) tal-Kap 12

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu;

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**5 ta' Diċembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**5 ta' Diċembru, 2002**